# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 9 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1647/00 AJD*

Alex Mercieca Bathroom Centre u b;digriet tal-24 ta' Ottubru, 2000, l-isem l-attur gie korrett ghal Alex Mercieca ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Alex Mercieca Bathroom Centre'

vs

Mario Grixti

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u sittin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm163.22), rapprezentanti bilanc parti minn somma akbar ta' xoghol ikkonsenjat mill-attur lill-konvenut, li jikkonsisti f'kamra tal-banju.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Adrienne Agius, rappresentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lill-attur.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u sittin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm163.22).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR